e
DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR210834** **04.05.2021**

**STQARRIJA MILL-MINISTRU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Ftehim biex l-Aġenzija SEM tkompli tmexxi ċ-ċentru ta' informazzjoni Europe Direct Valletta għall-erba' snin li ġejjin***

L-Aġenzija Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) se tkompli tmexxi ċ-ċentru ta' informazzjoni Europe Direct Valletta għall-perjodu Mejju 2021 sa Diċembru 2025, wara li mexxiet dan iċ-ċentru b'suċċess sa mill-2018.

It-terminu l-ġdid ta' Europe Direct Valletta tnieda f'konferenza tal-aħbarijiet mill-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Carmelo Abela u mill-Kap Eżekuttiv ta' SEM Mandy Falzon.

Iċ-ċentri Europe Direct huma kofinanzjati mill-Kummissjoni Ewropea u jinsabu fl-Unjoni Ewropea kollha b'424 uffiċċju, tlieta minnhom f'Malta u Għawdex. Il-mandat taċ-ċentri Europe Direct hu li jipprovdu informazzjoni dwar inizjattivi u liġijiet tal-Unjoni Ewropea, dwar programmi ta' fondi, u fejn hemm bżonn jirreferu persuni u organizzazzjonijiet għal servizzi oħra relatati mal-Unjoni Ewropea. Il-Europe Direct ifittex li jilħaq diversi setturi tas-soċjetà, kemm fl-età u kemm b'interessi differenti.

Il-Ministru Carmelo Abela qal li, permezz ta' Europe Direct Valletta, se tkompli l-ħidma kollaborattiva bejn entitajiet lokali, b'mod speċjali bejn ir-rappreżentanzi tal-istituzzjonijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea f'pajjiżna.

Huwa fakkar li f'Marzu li għadda SEM kompliet issaħħaħ ħidmietha billi mhux biss toffri għajnuna dwar applikazzjonijiet għal fondi Ewropej, iżda wkoll li tassisti mingħajr ħlas waqt l-implimentazzjoni tal-istess proġetti. Is-sena l-oħra biss, ġew sottomessi 102 applikazzjoni għal fondi; saru 323 laqgħa individwali ma' organizzazzjonijiet interessati sabiex japplikaw għall-fondi; twieġbu 383 rikjesta għall-informazzjoni; saru 10 attivitajiet ta' diskussjoni dwar temi kurrenti fl-UE; u saru 34 attività għat-tfal dwar l-UE.

"Permezz tal-aġenzija SEM, il-gvern qiegħed ikompli joffri għodda siewja oħra biex iċ-ċittadini f'pajjiżna jkollhom punt ta' riferiment fejn tidħol l-Unjoni Ewropea. Permezz ta' SEM, tista' ssib l-informazzjoni, issemma' leħnek f'laqgħat ta' diskussjoni, tieħu sehem f'attivitajiet u tibbenefika mill-fondi Ewropej," saħaq il-Ministru Carmelo Abela.

Il-Kap Eżekuttiv ta' SEM Mandy Falzon qalet li Europe Direct wassal biex żied il-potenzjal ta' SEM li twassal aktar l-informazzjoni lil firxa usa' ta' nies u kif ukoll bil-kuntatt u n-networking ma' ċentri oħra Europe Direct, kemm f'Malta u kemm fl-Ewropa.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

"Mill-2018, il-ħidma tal-Aġenzija kompliet tieħu spinta 'l quddiem għax Europe Direct ta l-opportunità lill-Aġenzija li tikkopera ma' ċentri oħra li jwettqu rwol simili biex ikun hemm aktar għarfien dwar xi tfisser l-Unjoni Ewropea," qalet is-Sinjura Falzon.